



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 123/23

Il-Lussemburgu, 13 ta' Lulju 2023

Konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali fil-Kawża C-261/22 | GN (Raġuni għal rifjut ibbażata fuq l-aħjar interessi tat-tfal)

Avukata Ġenerali: T. Ċapeta, l-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ kontra omm ta' tfal żgħar tista' tiġi rrifjutata meta dan ikun fl-aħjar interessi tat-tfal

Tali rifjut ikun possibbli biss jekk, wara li jintuża l-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma jkollhiex biżżeġjed informazzjoni li tippermettilha tkun assolutament ċerta li l-eżekuzzjoni tal-MAE ma tmurx kontra l-aħjar interessi tat-tfal.

Awtorità ġudizzjarja Belġjana ħarġet Mandat ta' Arrest Ewropew (iktar 'il quddiem il-“MAE”) kontra mara għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' ħames snin priġunerija. Ftit xhur wara, ġiet arrestata f'Bologna, l-Italja. Meta seħħ l-arrest, binha minuri kien jgħix magħha, u għalhekk id-detenzjoni ġiet issositwita b'arrest domiciliari biex it-tifel ikun jista' joqgħod mal-omm. Il-Qorti ta' Appell ta' Bologna ressqet talba għal informazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja Belġjana fejn staqsiet dwar il-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' sentenza fil-Belġju għal ommijiet li jgħixu ma' tfal minuri. Peress li ma rċevietx tweġiba, hija rrifjutat il-konsenja.

Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni Taljana, wara li semgħet l-appelli kontra d-deċiżjoni li tirrifjuta l-konsenja, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja **jekk huwiex possibbli li eżekuzzjoni ta' MAE tiġi rrifjutata jew posposta jekk il-persuna rikjesta tkun omm li tgħix mat-tfal minuri tagħha, meta l-konsenja tkun tista' tikser id-dritt fundamentali għall-ħajja tal-familja jew l-aħjar interessi tat-tfal.**

Fil-konklużjonijiet tagħha l-Avukata Ġenerali Tamara Ċapeta tosserva li l-mekkaniżmu tal-MAE jistrieħ fuq il-preżunzjoni li l-Istati Membri josservaw id-drittijiet fundamentali. Din il-preżunzjoni tista' titqiegħed inkwistjoni biss jekk l-awtorità ta' eżekuzzjoni jkollha għarfien dwar nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fl-iżgurar tad-dritt għall-ħajja tal-familja ta' prigionieri fl-istat emittenti. **Peress li f'din il-kawża ma hemmx indikazzjoni dwar nuqqasijiet sistemiċi fil-garanziji tal-ħajja tal-familja ta' prigionieri fil-Belġju, l-Avukata Ġenerali tqis li l-awtorità ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi l-MAE fuq il-bażi ta' ksur potenzjali tad-dritt tal-mara akkużata għad-dritt tal-ħajja tal-familja.**

Il-persuna l-oħra (jew persuni, peress li l-mara akkużata sadanittant welldet it-tieni wild), li d-drittijiet fundamentali tagħha huma inkwistjoni f'din il-kawża huma t-tfal ta' din il-mara. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tipproteġi l-aħjar interessi tat-tfal. It-tfal involuti fil-kawża huma vittmi kollaterali potenzjali tal-eżekuzzjoni tal-MAE, fejn għalhekk id-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi eżegwit MAE tista' tiġi affettwata mit-tħassib għall-aħjar interessi tat-tfal. Madankollu, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni possibbli ta' MAE sabiex jiġu protetti dawn l-interessi ma jirriżultax b'ħala kwistjoni ta' fiduċja reċiproka iżda pjuttost b'ħala kwistjoni ta' sejba ta' soluzzjoni li tkun fl-aħjar interessi ta' tifel speċifiku.

Skont l-Avukata Ġenerali Ċapeta, id-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE, b'ħala prinċipju, ma jipprekludix ir-rifjut ta'

eżekuzzjoni ta' MAE maħruġ kontra omm ta' tfal żgħar meta dan ikun fl-aħjar interessi tat-tfal. Tali rifjut ikun possibbli biss jekk, wara li tiġi ddeterminata s-sitwazzjoni konkreta tat-tfal wara li jintuża l-mekkaniżmu ta' komunikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE bejn l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, tal-aħħar ma jkollhiex biżżejjed informazzjoni li tkun tippermettilha tkun assolutament ċerta li l-eżekuzzjoni tal-MAE ma tkunx tmur kontra l-aħjar interessi tat-tfal.

L-Avukata Ġenerali żżid, għal skopijiet ta' evitar ta' impunità, ir-raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni taħt l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE (li jippermetti lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni ma jikkonsenjax lill-persuna jekk jipproċedi biex jeżegwixxi s-sentenza ta' priġunerija nnifisha) tista' tinbidel f'obbligu għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għall-iskopijiet tal-ħarsien tal-aħjar interessi tat-tfal. L-applikazzjoni tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE tista' tkun l-aħjar għażla jekk, għal kwalunkwe raġuni relatata mal-wild minuri inkwistjoni, ikun fl-aħjar interess tiegħu li ma jħallix l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, iżda fl-istess ħin ikun importanti li dan iżomm kuntatt frekwenti u relazzjoni mill-qrib ma' ommu.

Skont l-Avukata Ġenerali, il-posponiment temporanju tal-konsenja skont l-Artikolu 23(4) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE ma huwiex possibbli fil-kawża inkwistjoni peress li dan ikun possibbli biss għall-persuna rikjesta u fil-każ ta' raġunijiet umanitarji serji, pereżempju, fejn il-ħajja jew is-saħħa tal-persuna rikjesta ikunu manifestament fil-periklu.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukati ġenerali huwa li jipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilhom. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew id-deliberazzjonijiet tagħhom fuq din il-kawża. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwim imressaq quddiemhom, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq kwistjoni simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎(+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

